# IL-PJAN TAL-LEZZJONI – 1.1

**Kap 1: Id-Dinja Sabiħa**

**Lezzjoni 1.1 – X'hemm bżonn li nagħmel?**

**L-Għanijiet:**

**L-istudenti:**

1. Jiddiskutu u jirrevedu l-fatt li bħala persuni mhumiex l-istess.
2. Jagħrfu li għandhom japprezzaw lil xulxin b' dak li għandhom u jkunu lesti li jgħinu lil xulxin.
3. Jagħrfu dawk il-manjieri tajbin li jgħaqqduhom flimkien.




**Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:**



- *Handout* bil-wiċċ (Ara riżorsa 1).
- *Chart* biex jimmontaw fuqha l-uċuħ.
- *Action Song – Thank You Jesus:* http://www.youtube.com/watch?v=c4FeRKf_8rk&list=RD02I3-bRrJF7lk
- Karta ta' Taħriġ 1.1 - X'hemm bżonn nagħmlu?

## Naqsmu flimkien – L-Introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Aqsam lit-tfal fi gruppi ta' tnejn (pari). Agħtihom il-karta u għidilhom sabiex fuqha jpinġu lill-ħabib/a tagħhom. Wara li jlestu mit-tpinġija, staqsihom xi mistoqsijiet:
  - X' jisimha l-ħabiba? –
  - Tafu fejn toqgħod?
  - Għandkom xi ħaġa l-istess?
  - X' għandkom differenti?



- Spjega li b'dak kollu li aħna u li għandna xorta nistgħu nkunu ħbieb.
- Enfasizza li l-manjieri tajbin huma l-aktar ħaġa importanti li tagħmilna tfal bil-għaqal u li jħobbu tassew. Spjega kemm hu importanti li nkunu attenti għal dak li jkun qed jiġri biex inkunu kapaċi ngħinu.
- Introduċi l-kliem –'grazzi' – 'sorry' u agħti eżempji ta' lil min irridu ngħiduhom.

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)



- Għaqqad lit-tfal fi gruppi ta' erbgħa u agħtihom ċans jitkellmu flimkien u jippreżentaw lill-ħabiba tagħhom lill-kumplament tal-grupp. Wara, staqsi lit-tfal:-X' indunajna mit-tpinġijiet tagħkom? Kulħadd jidher l-istess? Innutajna li aħna lkoll differenti. Kien ikun aħjar li kieku konna lkoll l-istess.
- Staqsi: Lil min għandna nirringrazzjaw ta' kemm aħna sbieħ?
- Inkuraġġixxi li flimkien inwaħħlu t-tpinġijiet tat-tfal fuq *chart*.

- Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 1.1. Spjega u stieden lit-tfal jitkellmu dwar l-istampi li qed jaraw. Bħala klassi ddiskuti liema sentenza għandha tmur ma' liema stampa.
- Aqra Attivita 2 u bħala klassi ddiskuti kif ser jingħaqdu s-sentenzi.
- Iddiskuti Attività 3 u wassal lit-tfal jifhmu bir-rispett li għandna nuru lejn kulħadd. Dan nuruh għax kulħadd għandu dritt ikolli ċ-ċans li jitkellem. Spjega li ħa naħdmu biex illum dan iseħħ. Agħlaq b'talba qasira.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)




1. Aħna lkoll nidhru differenti iżda lkoll sbieħ.
2. Aħna lkoll ħolqien t'Alla.
3. Mhux dejjem se naqblu flimkien iżda xorta nistgħu nkunu ħbieb.
4. Irridu nużaw manjieri tajbin ma' kulħadd.
5. Nindunaw meta għandna ngħidu – 'grazzi' – 'sorry'.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

Nirrevedu l-fatt li bħala persuni, M'aħniex l-istess. Għalhekk, illum, se nifhmu lil xulxin aktar. Dan ikun possibbli jekk aħna nagħtu ċans lill-oħrajn.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

Ta' kemm aħna sbieħ...x' se ngħidulu lil Alla?

U x' se ngħidulu tal-ħbieb sbieħ tagħna?

Mela ejja nkantaw flimkien:

http://www.youtube.com/watch?v=c4FeRKf_8rk&list=RD02I3-bRrJF7lk



## Nitolbu

Mulej, inti ħlaqtna lkoll differenti iżda lkoll sbieħ. Għinna biex inkomplu nieħdu ħsieb tagħna nfusna u nħobbu lil xulxin.



Grazzi, Mulej!